MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 557/2011

**FOGG INSURANCE AGENCIES LIMITED ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Angelo TANTI**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fil-21 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tlett elef seba' mija u erbatax-il euro u erbgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€3,714.24) u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Matul is-sena 2008, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAW-054 mas-socjeta attrici;

2. Nhar il-5 ta’ Lulju 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq iz-Zebbiegh, Mgarr bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut stess u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ROW-127 misjuqa minn certu Rowena Spiteri;

3. Il-konvenut baqa ma ressaqx claim mas-socjeta attrici relattivament ghall-incident de quo, u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attrici;

4. Is-socjeta attrici nformat lill-konvenut sahansitra permezz ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Dicembru, 2008 illi galadarba huwa kien kjarament jahti ghall-incident de quo pero ma kienx irregistra claim, hija kienet ser thallas lit-terzi l-ammont ta’ danni minnhom reklamat, u dana bid-dritt ta’ rivalsa fil-konfront ta’ l-istess konvenut, kemm ai termini tal-ligi kif ukoll ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva;

5. Minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, il-konvenut baqa qatt ma ressaq il-*claim* relattiv mas-socjeta attrici;

6. Permezz tal-proceduri ta’ Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi fl-ismijiet Elmo Insurance Limited noe vs Angelo Tanti (M1750/2008 – decizi nhar id-9 ta’ Settembru 2009), il-konvenut gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident de quo, u s-socjeta attrici, debitament notifikata bl-ittra ufficjali opportuna ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kienet obbligata illi thallas favur it-terzi s-somma ta’ tlett elef tliet mija u erbgha u erbghin euro u disgha u sittin centezmu (€3,344.69) u fil-fatt wettqet dan il-hlas, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;

7. Peress illi l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta’ tlett elef seba’ mija u erbatax-il euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,714.24) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ tlett elef tliet

mija u erbgha u erbghin euro u disgha u sittin centezmu (€3,344.69) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u disgha u sittin euro u hamsa u hamsin centezmu (€369.55) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta attrici in konnessjoni ma' l-istess incident awtomobilistiku – u ghalhekk qieghdin isiru dawn il-proceduri sabiex il-konvenut jigi kkundannat illi jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Settembru, 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-23 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro (€3,494.06);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro (€3,494.06), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------